

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 1, l-Artikolu 2(2)(b) u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ⁽¹⁾ [u] l-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat, li jinsab anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP ⁽²⁾, għandhom jiġu interpretati fis-sens li miżura, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tippermetti lill-persuna li timpjega tipprovi sabiex il-persuni li jkunu laħqu l-età ta' 65 sena jkunu jistgħu biss iżommu l-pożizzjoni tagħhom bħala *persunal permanenti b'żamma tad-drittijiet miksuba qabel ma rtiraw*, jekk ikollhom l-istatus ta' *superviżur ta' dottorat*, li għalhekk jiżvantaġġa lill-persuni l-oħra li jinsabu fl-istess sitwazzjoni li jkollhom din il-possibbiltà biss jekk ikun hemm pożizzjonijiet vakanti u fil-każ fejn jissodisfaw il-kundizzjonijiet relatati mal-prestazzjoni professjonali, u li jaġħmilha possibbli li jiġu imposti fuq persuni li ma għandhomx l-istatus ta' *superviżuri ta' dottorat*, fir-rigward tal-istess attività universitarja, kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat, li huma konklużi wieħed wara l-ieħor, b'sistema ta' remunerazzjoni fil-forma ta' "ħlas għal kull siegħa", li huwa inqas minn dak mogħti lill-persunal akkademiku permanenti tal-università, jikkostitwixxi diskriminazzjoni fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet?
- 2) L-applikazzjoni tal-preċedenza tad-dritt tal-Unjoni (prinċipju ta' supremazija tad-dritt Ewropew) tista' tiġi interpretata fis-sens li tippermetti lill-qorti nazzjonali teskludi l-applikazzjoni ta' deċiżjoni definittiva ta' qorti nazzjonali li tkun sabet li, fis-sitwazzjoni fattwali inkwistjoni, id-Direttiva 2000/78/KE kienet għet osservata u li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79.

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hof van beroep te Brussel (il-Belġju) fit-30 ta' Awwissu 2019 – Facebook Ireland Limited, Facebook INC, Facebook Belgium BVBA vs Gegevensbeschermingsautoriteit

(Kawża C-645/19)

(2019/C 406/17)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hof van beroep te Brussel

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Facebook Ireland Limited, Facebook INC, Facebook Belgium BVBA

Konvenuta: Gegevensbeschermingsautoriteit

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 55(1), 56 sa 58, u 60 sa 66 tar-Regolament (UE) 2016/679 ⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, moqri flimkien mal-Artikoli 7, 8 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li awtorità superviżorja li, skont leġiżlazzjoni nazzjonali adottata b'implimentazzjoni tal-Artikolu 58(5) ta' dan ir-regolament, għandha s-setgħa li tibda proċeduri legali quddiem qorti fl-Istat Membru tagħha kontra ksur ta' dan ir-regolament, ma tistax teżerċita dik is-setgħa fir-rigward ta' ipproċessar ta' data transkonfinali jekk ma tkunx l-awtorità superviżorja ewlenija għal dan l-ipproċessar ta' data transkonfinali?
- 2) Huwa rilevanti l-fatt li l-kontrollur ta' dan l-ipproċessar ta' data transkonfinali ma jkollux l-istabbiliment prinċipali tiegħu f'dan l-Istat Membru iżda jkollu stabbiliment ieħor?

- 3) Huwa rilevanti l-fatt li l-awtorità superviżorja nazzjonali tibda proċedura legali kontra l-istabbiliment prinċipali tal-kontrollur tal-ipproċessar pjuttost milli kontra l-istabbiliment li jinsab fl-Istat Membru tagħha stess?
- 4) Huwa rilevanti l-fatt li l-awtorità superviżorja nazzjonali tkun bdiet proċeduri legali qabel id-data li fiha daħal fis-seħħ ir-regolament (25 ta' Mejju 2018)?
- 5) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv, l-Artikolu 58(5) tar-Regolament 2016/679 għandu effett dirett, b'mod li awtorità superviżorja nazzjonali tista' tinvoka l-imsemmi artikolu sabiex tibda jew tissokta bi proċeduri legali kontra persuni privati anki jekk l-Artikolu 58(5) tar-Regolament 2016/679 ma jkunx għe speċifikament traspost fil-leġislazzjoni tal-Istati Membri, minkejja l-obbligu li dan isir?
- 6) Jekk ir-risposta għad-domandi preċedenti tkun fl-affermattiv, l-eżitu ta' tali proċeduri jipprekludi konstatazzjoni kuntrarja għal dik tal-awtorità superviżorja ewlenija fil-każ li fih din tinvestiga l-istess attivitajiet ta' pproċessar transkonfinali jew attivitajiet simili konformement mal-mekkaniżmu previst fl-Artikoli 56 u 60 tar-Regolament 2016/679?

(¹) ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesgericht Korneuburg (l-Awstrija) fit-3 ta' Settembru 2019 – FP Passenger Service vs Austrian Airlines AG

(Kawża C-654/19)

(2019/C 406/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landesgericht Korneuburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: FP Passenger Service

Konvenuta: Austrian Airlines AG

Domanda preliminari

L-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitiġħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (¹), għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fid-dawl tas-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Germanwings (C-452/13, EU:C:2014:2141) li tgħid li l-mument tal-ftuħ tal-bibien għandu jitqies bħala determinanti għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dewmien, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni d-differenza bejn il-ħin reali tal-ftuħ tal-bibien u l-ħin tal-wasla prevista jew inkella d-differenza bejn il-ħin reali tal-ftuħ tal-bibien u l-ħin preżunt tal-ftuħ tal-bibien kieku t-titjira waslet fil-ħin previst?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7 Vol. 8 p. 10.